MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Numru. 893/2010

**Il-Pulizija**

**[Spettur Elton Taliana]**

**vs**

**Mario Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Caruana detentur tal-karta tal-identita` numru 729155(M).

Akkuzat talli:

> Nhar il-25 ta' Awwissu 2010, ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija, minna go Salina Farm, Triq il-Bajja tas-Salini, Naxxar, flimkien ma' persuna ohra, bil-hsieb li jikkommetti d-delitt ta' serq aggravat bil-'hin', bix-'xorta tal-haga misruqa' u bil-'valur' li jkun izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, u dan ghad-dannu ta' Elton Saliba, Joseph Farrugia u Giuseppe Bartolo.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra mill tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u li setghet tinstab htija taht l-Artikoli 41(1)(a), 261, 267, 270, 271 (c), 279(a)(b), 280(1), 281(a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 31 u 533 tal-istess Kapitolu 9; u

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-process verbal u x-xhieda kollha inkluz dawk tad-difiza kif ukoll semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat attentat ta’ serq ta’ karru taz-zwiemel dan l-allegat serq gie sfrattat minn terzi persuni u ghalhekk ma twettaqx. L-imputat innega tali involviment da parti tieghu izda l-verzjoni tieghu fl-istqarrija kienet illi huwa kien wassal wiehed Gharbi biex jaqla’ xi haga tal-flus fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Awwissu 2010, ghall-habta tal-hdax u kwart ta’ fil-ghaxija (11.15 p.m.), u dan l-Gharbi hadu fuq il-post tal-allegat reat. Dan l-allegat serq kien qed isir gewwa razzett taz-zwiemel fejn kien ghaddej certu Joseph Farrugia minn hemm u meta ra x-xatba miftuha huwa mar jaghmel rapport l-ghassa. Illi irrizulta wkoll ili l-imputat huwa dilettant taz-zwiemel u kien ukoll itellaq f’xi zmien.

Dan Joseph Farrugia kien irraporta illi huwa staqsa lill-imputat u lil siehbu x’kienet ir-raguni ghalxiex kienu hemm u huma qalulu li kienu qeghdin ifittxu lil certu Joey, izda minnufih huwa nnota illi il-karru kien spustjat hdejn il-hajt fejn kien lest li jigi mghobbi. Huwa ha d-dettalji tal-van pick up fejn ta’ din l-informazzjoni lill-pulizija u dawn ghalhekk waslu ghall-imputat.

L-ispettur Taliana fix-xhieda tieghu spjega fejn kien hemm ragel iehor u cioe`` Giuseppe Bartolo li anke huwa seta’ jara mill-kamra tieghu li tinsab gewwa dan ir-razzett, lil dawn iz-zewg persuni jiehdu dan il-karru.

Xehed bil-gurament Joseph Farrugia li spjega li r-razzett huwa tieghu u li ra lil dawn iz-zewg persuni, li wiehed minnhom kien l-imputat, fejn kienu hiergin minn dan ir-razzett u li biswit taghhom kien hemm dan il-karru taz-zwiemel li kien propjeta` ta’ certu Elton u li dan il-karru kien definitivament gie spustjat ghaliex ftit sighat qabel kien hallieh hafna aktar ’il boghod minn hemm. Ix-xhud gharaf lill-imputat bhala wiehed mill-individwi li kien hemm dakinhar fuq il-post.

Xehed ukoll Guiseppe Bartolo li huwa xhud iehor okulari, li xehed fis-seduta tad-disa’ u ghoxrin (29) ta’ Novembru 2011, fejn ikkonferma dak li kien qal l-Ispettur Elton Taliana fix-xhieda tieghu u zied jghid illi beda jara zewg persuni jcaqalqu dan il-karru lejn il-grada ta’ barra u hu hasibhom li kienu hbieb ta’ sid il-karru izda meta hareg barra sab lil Joe Farrugia li qallu li kienu ser jisirqu dak il-karru. Dawn kienu mexxew il-karru xi erbghin pied qabel ma gie l-istess Farrugia.

Ikkunsidrat, illi ghalkemm l-imputat dejjem innega l-involviment tieghu fil-kommissjoni tar-reat, pero` l-provi kollha jinducu illi l-involviment tieghu kien aktar milli semplicement iwassal il-persuna l-ohra fir-razzett fejn kien hemm il-karru. Illi apparti z-zewg xhieda okulari fejn wiehed minnhom ra u kellem liz-zewg persuni suspettati fosthom lill-imputat, il-fatt illi l-imputat huwa dilettant taz-zwiemel u l-fatt li f’dak il-perjodu huwa ma kellux xoghol u kif qal hu stess,

huwa ried jaqla' xi haga tal-flus, kollox jinduci ghat-tezi tal-prosekuzzjoni illi dan kien attentat ta' serq tal-istess karru. Illi ghalhekk din il-Qorti hija konvinta oltre' d-dubju ragjonevoli, illi l-imputat huwa hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261, 267, 270, 271 (c), 279(a)(b), 280(1), 281(a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Mario Caruana hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal ghaxar (10) xhur.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-reperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------